MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 593/2003

**Nicola Gatt u Maria Gatt**

**vs**

**Diane Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Dicembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi fi zmien qasir u perentorju prefiss minn din il-Qorti tizgombra mill-fond 20, Qormi Road,

Attard, li l-konvenuta qed tokkupa minghajr titolu validu fil-ligi u tikkonsenja c-cwievet tal-istess post battal lill-atturi;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-3 ta’ Ottubru tas-sena 2003, tal-20 ta’ Ottubru tas-sena 2003, u tat-23 ta’ Ottubru tas-sena 2003, u tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru tas-sena 2003;

3. Illi l-konvenuta hi ngunta wkoll biex tidher ghas-subizzjoni;

4. Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond imsemmi ma jeccedix mitt Lira (LM100.00,0) fis-sena;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata s-26 ta’ Jannar tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Illi din il-qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kawza stante li l-esponenti hija l-inkwilina tal-fond indikat fl-avviz, u l-kompetenza ta’ kawza ghar-ripresa ta’ pussess ta’ fond mikri hija regolata mill-Kap 69;

2. Illi bhala fatt l-esponenti trabbiet ma’ nannitha Gusta Busuttil l-inkwilina tal-fond u baqghet dejjem toqghod maghha, fejn ghadha toqghod sal-lum. Issa li mietet in-nanna, il-kera dar fuq l-esponenti in forza ta’ l-artikolu 2 tal-Kap 69 li jipprovdi li l-espressjoni `inkwilin’ tinkludi:

“(b) dawk il-membri tal-familja li l-inkwilin li jkunu joqoghdu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu”. Dan huwa l-kaz ta’ l-esponent”;

3. Minghajr pregudizzju tal-premess, id-domanda attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt, ghaliex, kif rilevat hawn fuq, l-esponenti ghandha d-dritt bil-ligi li tikkontinwa fil-lokazzjoni skond il-provvedimenti tal-Kap 69 ga' riferit, kif anke bit-testment ta' nannitha;

4. Ghalhekk u fi kwalunkwe kaz, id-domanda attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Frar tas-sena 2004, li permezz tieghu ordnat li jinstemghu il-provi tal-konvenuta;

Rat id-digriet taghha datat it-28 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu ddifferiet il-kawza ghas-sentenza preliminari;

Ezaminat in-nota t'osservazzjonijiet tal-konvenuta u dik responsiva ta' l-atturi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti kif esposti limitatament fir-rigward ta' l-eccezzjoni preliminari jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi effettivament il-konvenuta tirrisjedi fil-fond indikat fl-avviz promotur li minnu qed tintalab li tkun zgumbrata;

2. Illi l-konvenuta ssostni li minn dejjem kienet toqghod f'dan il-fond ghaliex trabbiet man-nanna taghha;

3. Illi anke meta l-istess konvenuta zzewget din baqghet toqghod fl-istess fond;

4. Illi n-nanna tal-konvenuta, certa Gusta Busuttil kienet l-inkwilina tal-fond de quo;

5. Illi meta l-imsemmija inkwilina mietet jirrizulta li l-konvenuta kienet tirrisjedi fl-istess fond;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-analizi sintetika fuq esposta li timmerita kawza sommarja bhal dik odjerna jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-konvenuta ghandha titolu validu fil-ligi;

2. Illi wiehed mill-effetti ta' dan it-titolu hu li jipprekludi lil din il-qorti milli jkollha kompetenza "ratione materiae" fir-rigward;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u tiddikjara li m'hix kompetenti tipprocedi ratione materiae, bl-ispejjez kontra l-atturi.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------